MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru 95/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Wistin Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Wistin Micallef** ta' 49 sena, bin Salvatore w Adelaide *nee'* Coleiro, mwieled Haz-Zebbug, fis-7 ta' Novembru, 1955, residenti Flt 6, Blk C2, Triq Dun Luret Callus, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita, numru 836155M;

Talli fit-18 t'Ottubru, 2004, ghall-habta tas-1:35pm fi Triq Dun Luret Callus, Zebbug , minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Anthony Briffa minn Haz-Zebbug f'periklu car, hebbejt ghall-istess Anthony Briffa u kkaginajtlu sfregju gravi jew permanenti fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn skond ma ccertifika Dr. Michael Spiteri M.D. mill-Isptar San Luqa;

Talli fl-istess cirkostanzi, data, hin u lok volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

Talli fl-istess cirkostanzi, data, hin u lok hebbjet kontra l-persuna ta' Anthony Briffa sabiex tingurjaha, iddejaqha jew taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tapplika l-art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Anthony Briffa;

Rat r-rinvinju tal-avukat generali skond l-artikolu 370(3)(a) tal-Kap 9 sabiex l-imputat ikun ggudikat minn din il-Qorti ghall-dak li hemm ravvizat fl-artikoli 218, 338(dd), 339(1)(d) tal-Kap 9 u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz tieghu ikun trattat bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkundisrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara rapport li sar mill-imputat stess li waqt li l-garr tieghu Anthony Briffa kien qed jirriversaja l-vettura tieghu kien ser jolqot lill-imputat u qallu biex joqghod attent izda Briffa hareg mill-vettura u tah xeba b'pipe li kellu fil-karozza.  Fuq dan ir-rapport il-Pulizija marret tkellem lill-Briffa li izda qal li kien l-imputat li aggredih meta hareg mill-karozza u l-imputat hataflu cable li kellu fiha u beda jtih bih.

Illi kawza ta' dan l-incident Anthony Briffa sofra diversi griehi fosthom dbengil fuq wiccu, qasma fuq il-kappell tal-ghajn li kellha bzonn is-suturi u li setghet tibqa' mmarkata u daqqiet f'rasu. Skond l-espert nominat mill-Qorti din id-daqqa hallliet cikkatrici u ser tibqa tidher b'mod permanent minkejja li mhix vizibbli mill-ewwel hlief minn distanza ravvicinata ;

Il-kwerelant xehed illi dakinhar kien qed jipparkja il-vettura tieghu fid-drive-in tad-dar meta gie fuqu l-imputat u qallu li hu, l-kwerelant, kien gie ghalih biex joqtlu bil-karozza. Fil-karozza tieghu kien hemm bicca wire u l-kwerelant qal li din kien ghadu kemm gabarha mit-triq biex jaghmel "earthing wire" minnha. Malli hareg mill-karozza l-imputat tah daqqa fuq rasu u beda jtih bl-istess wire meta gew it-tfal tal-imputat u waqqfuh. In kontro-ezami l-kwerelant spjega illi meta wasal fejn id-drive-in tad-dar tieghu, l-imputat gie fuqu u meta ra l-wire fuq id-dashboard, irrimarka lill-kwerelant: "b'dan gejt ghalija?" (fol 89) u l-kwerelant qabad il-wire u esklama l-istess meta l-imptuat qabad il-wire u beda jtih bih.

L-imputat xehed illi huwa kien ghaddej b'xi oggetti f'idu u appena gie quddiem id-drive-in tal-kwerelant dan baqa' tiela fuqu u kwazi laqatlu saqqjh bil-karozza u dar fuq il-kwerelant u staqsieh ghaliex kien qed jghamillu hekk. Dan hereg mill-karrozza u lill-imputat qallu: "illum kelllimmni" u beda gej ghalih meta allura l-imputat telaq kollox minn idu u pprova jghannaq lill-kwerelant biex ma jhallihx itih izda laqtu zbrixx fuq rasu.

Bint l-imputat xehedet illi semghet xi storbju, ttawlet mit-tieqa u rat lill-missiera u lill-kwerelant jiggieldu "f'xulxin" u rat pipe iswed f'idejn l-kwerelant u dan ratu juzah fuq missierha. Malli nizlet fit-triq rat lill-huwa jigbed lill-missierha u lkoll ppruvaw jitilqu izda il-kwerelant baqa' jghajjar lill-imputat b'xi dejn li kellu u li minkejja li kien ixjah minnu kien ser jibqa sakemm joqtlu. Meta nizlet fit-triq il-pajp ratu mal-art.

Iben l-imputat ukoll xehed illi minn dan l-incident kollu hu ra biss lill-missieru maqbud ma' Briffa u nizel fit-triq

ghaliex kienet sejhitlu ohtu. Dawn it-tnejn gibdu lill-missierhom u dahluh gewwa.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza hemm zewg verzjonijiet differenti izda fl-istess waqt hemm elementi li jirrizultaw indubitati. L-feriti subiti mill-kwerelant Briffa kienu certament kawzati mill-imputat; dawn il-feriti kienu kawzati bi strument konsistenti f'wire ohxon tal-eletrikku u li dan kien jappartjeni lill-Briffa, liema wire kien jinsab fil-vettura tieghu immedjatament qabel l-incident;

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk il-verzjoni tal-partijiet hix korroborata minn dawn l-elementi komuni. Fil-waqt illi l-kwerelant jghid illi meta wasal fid-drive-in tieghu l-imputat gie fuqu u allega li kien gie biex joqtlu, hataflu wire mill-karozza u beda jtih bih, l-imputat jghid li kien il-kwerelant li hareg mill-vettura tieghu bil-wire, ta daqqa bih lill-imputat minkejja li dan ipprova jghannqu mieghu biex ma jhallihx jaghti bil-wire. L-imputat jghid illi kien hu li qala l-ewwel daqqa mill-kwerelant u li kellu certifikat mediku in sostenn ta' din l-allegazzjoni izda f'dawn il-proceduri qatt ma esebixxa tali certifikat. Inoltre, l-imputat jghid illi huwa mar biex jghannaq lill-kwerelant malli rah bil-wire u dan bl-iskop li ma jtihx spazju jiccaqlaq izda minkejja dan xorta lahaq tah daqqa ta' wire u laqtu zbrixx f'wiccu. Jekk il-Qorti kellha taccetta din il-verjzjoni, allura sa dak il-mument is-sitwazzjoni kienet tali fejn l-imputat kien ghadu kemm intlaqat hafif fuq wiccu u l-kwerelant kien mizmum mill-imputat b'mod li ma setax jitharrek. Jonqos ghalhekk ikun spjegat kif il-kwerelant spicca b'dawn il-feriti kollha fuq wiccu.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-insenjament dwar ugwaljanza fl-armi fl-audtodifieza ma japplikawx f'dan il-kaz ghaliex dan mhux wiehed fejn l-imputat safa aggredit u qabad arma tal-istess tip biex jiddefendi ruhu, izda qabad l-istess arma tal-kwerelant u uzaha biex isawtu biha. Malli l-imputat hataf il-wire tal-kwerelant, minflok li warrbu biex ma jintuza minn hadd, dan uzah kontra l-kwerelant, u ghalhekk l-iskuzanti tal-autodifeza ma jiskattawx favur l-imputat.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 218 (1) (b), 338 (dd) u 339 (1) (d) tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat u minflok li tikkundah, din il-Qorti qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 22 tal-kap 446. Inoltre qed tobbliga lill-imputat ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lill-Anthony Briffa fuq penali ta’ Lm100 multa fin-nuqqas ghal-zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------